Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 183/2018

Il-Pulizija

Vs

Angelus Spiteri

Illum 13 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Angelus Spiteri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 223255M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fl-10 ta' Jannar 2018 ghall-habta ta' 17.30hrs u fil-hin ta' qabel mal-proprjetà ta' Japanese Store (warriors) fi Triq is-Sebh, Hal Qormi:

1. Minghajr il-hsieb li jisraq izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Vincent Birmingham fil-pussess ta' hwejgu billi wahhal camera CCTV mal-proprjetà tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' April, 2018, fejn il-Qorti rat l-Art 85(1) tal-Kap 9; Sabitu hati tal-akkuza. Billi

dan l-incident hu wiehed minn sensiela interminabbli ta' incidenti li l-akkuzat qieghed ikollu u li huma mertu ta' kawzi quddiem din il-Qorti; Ikkundannatu ghal xahar prigunerija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Angelus Spiteri, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' April 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u dan billi **TIDDIKJARAH** mhux hati taghha u konsegwentement **TILLIBBERAH** minnha; alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Angelus Spiteri huma s-segwenti u cioe`:-

A. **Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-rigward tal-Ewwel Akkuza**

Fil-kaz odjern l-unika prova illi ngabet mill-Prosekuzzjoni kienet ir-rapport tal-parti leza. Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellanti m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt* izda fil-kaz ojdern l-appellant iddecieda illi jaghti x-xhieda tieghu bil-gurament u jispjega l-akkadut.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-**

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru

wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,** fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi l-esponenti jirrileva illi huwa jinsab akkuzat bir-reat ta' *ragion fattasi* hekk kif kontemplat taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jghid hekk:

> ***85. Kull min, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorita tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur:***
>
> ***Izda, il-qorti tista' fid-diskrezzjoni taghha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, taghti l-piena tal-multa.***

***(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 337(5) japplikaw f'kull kaz ta' sejbien ta' htija taht is-subartikolu (1) u meta l-ghemil tal-hati jkun irrizulta filli persuna ohra tbati spoll il-qorti ghandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.***

Illi fil-kawża Il-Pulizija versus Eileen Said deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono intqal:

*Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq lArtikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn ilkamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu firrigward li:- "It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speċjali) Vol. II).*

…

*"Element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu t-tgawdija taghha.*

Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu Esposizioni dei Delitti in specie – parte speciale del Programma del corso di diritto criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'pagna 487, para 2850 itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

*1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*

*2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*

*3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*

*4.o Mancanza di titolo piu' grave.*

Fil-fatt kemm f'sentenzi qodma bħal dik mogħtija mill-Imhallef W. Harding fil-każ Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) kif ukoll f'sentenzi aktar reċenti bħal dik mogħtija mill-Imħallef Lawrence Quintano fil-kawża Il-Pulizija vs Anthony Zahra, nhar l-20 ta' Ġunju 2014 jirriflettu dawn l-elementi skont il-Carrara in kwantu ġew ritenuti li jinkludu:

*a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna;*

*b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt;*

*c) ix-xjenza tal-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;*

*d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi ;*

Illi ghalhekk fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo** nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) inqtal hekk:

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*

*(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra loppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*

*(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*

*(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)*

Illi fil-kaz ojdern il-parti leza kien hemm biss ir-rapport taghha u lanqas biss xehdet fil-proceduri tal-Prim'Istanza u ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib xi forma ta' prova. Illi dan kollu hu kkorroborat anke sahansitra mix-xhieda tal-appellant illi

bil-gurament tieghu fuq domanda diretta huwa wiegeb illi ma kienx hu illi wahhal ic-CCTV camera in kwistjoni. Illi jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni setghet facilment tiddetermina minn wahhal il-camera in kwistjoni stante illi hemmhekk hemm diversi CCTV footages li l-parti leza naqas milli jesebixxi. Illi l-appellant isaqsi ghalfejn il-parti leza naqas milli jgib bhala prova dawn il-footages illi hu stess ghandu fil-pussess tieghu fejn kienu juru bic-car kieku li l-appellant allegatament wahhal din il-camera. Illi jekk vera kien l-appellant ghala l-parti leza naqas milli jezebixxi tali footages. Illi huwa ghalhekk illi t-tezi tal-appellant u cioe' illi ma kienx hu illi wahhal din il-camera in kwistjoni ssib sostenn iktar u iktar mill-fatt illi kif xehed hu stess, huwa ma wahhalx tali camera. Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirriżulta ampjament illi mhemmx dik il-prova necessarja sabiex tohloq in-ness bejn il-camera in kwistjoni u l-appellant.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova cara u univoka illi l-appellant allegatament wahhal il-camera fid-data illi hemm indikata fl-akkuza u cioe' nhar l-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Illi l-appellant mhux se joqghod jidhol fuq l-elementi necessarji sabiex jirrizulta r-reat ta' ragion fattasi stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova n-ness bejn l-allegat reat u l-appellant u ghalhekk ikun ezercizzju superfluwu illi l-appellant joqghod jittratta l-elementi l-ohra.

Illi inoltre u minghajr pregudizzju jirrizulta mix-xhieda tal-appellant illi l-hajt in kwistjoni fejn twahlet il-camera huwa hajt tal-appogg bejn zewg propjetajiet allegatament wahda tal-parti civile u l-ohra tal-appellant [qed jinghad allegatament stante illi lanqas din il-prova u c-cioe l-prova ta' min huma l-propjetajiet ma ngabet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti]. Illi ghalhekk anke jekk ghal grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tasal biex temmen [jew tipprezumi] illi din il-camera twahhlet mill-appellant huwa xorta m'ghamel xejn hazin stante illi l-apparat twahhal fil-hajt tal-appogg taz-zewg propjetajiet u ghalhekk ma kien hemm l-ebda att esterna li spolja lill-parti leza minn xi haga li kien qieghed igawdi u zgur illi ma kienx hemm l-intenzjoni da parti tal-appellant illi dak li ghamel kien qed isir b'ezercizzju ta' dritt apparti illi t-twahhil ta' camera fuq propjeta' allegatament tieghek ma tehtieg l-ebda permess minn xi awtorita' pubblika.

Dan ifisser illi ghalhekk tenut kont tal-provi [jew nuqqas ta' provi] illi ngabu mill-Prosekuzzjoni l-appellant ma jista' qatt jinstab hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ghandu jigi liberat minnha.

**B. Piena Erogata**

Illi dan l-aggravju qieghed isir minghajr pregudizzju ghas-suespost u jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u cioe' xahar prigunerija.

Illi bir-rispett kollu u minghajr pregudizzju ghas-suespost din is-sentenza hija wahda esagerata u sproporzjonata meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz specjalment meta din hija kwistjoni merament civili u mhux wahda kriminali.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

F'dan l-istadju l-appellant jaghmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu recidivi (l-appellant **mhuwiex recidiv**), wkoll inghataw opportunita ohra,

permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati. Illi hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq *first-offender* u ghalhekk piena karcerarja zgur mhux idonea fic-cirkostanzi.

Illi jigi rilevat illi f'kazijiet simili tal-kaz odjern u cioe' meta jkun hemm kazijiet ta' ragion fattasi huwa insolitu immens illi tinghata piena ta' prigunerija effettiva bhalma gara fil-kaz ojdern u s-soltu jinghataw multi jew *conditional discharge* [vide Pul vs Andrew Agius; Pul vs Eric Bonello; Pul vs Romina Bugeja; Pul vs John Galea].

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta' Probation*.

> *Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli,* ***li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin… li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv****… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-***

***imputat*** *oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.***

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*"Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet* Il-Pulizija v. George Farrugia*: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

Ghalhekk il-piena ta' xahar prigunerija kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Semghet lill-partijiet jivverbalizzaw fl-atti is-segwenti:-

Ikkunsidrat,

Dr Martha Mifsud ghal parte civile Vincent Birmingham iddikjarat li l-parte civile qieghed jiddikjara li mhux ser jixhed f'dawn il-proceduri ghaliex jista' jinkrimina ruhu stante il-proceduri pendenti fil-konfront tieghu quddiem il-Qorti fuq l-istess incident u infurmat lill-Qorti wkoll li ghal kul bon fini l-parte civile hafer lill-appellant ghall-agir tieghu.

Illi l-Qiorti rat li fl-atti ma hemmx registrat ix-xhieda li instemghu quddiem l-ewwel Qorti .

Rat illi Vincent Birmingham kellu dritt li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u dan in sostern ma dak li jiddisponi l-artikolu 643 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk qieghda qieghda tilqa l-appell interpost mill-appellant, tirrevoka is-sentenza moghtija mil-ewwel Qorti nhar id-9 ta April, 2018 u minflok u tiddikajra lill-isetss appellant mhux hati tal-akkzua u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena

(ft) Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur